# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 22**
**Rikors maħluf numru 419/2014/1 JRM**

**Oliver Ruggier**

***v*.**

**Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar 2016 li ħelset lill-awtorità konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju wara li laqgħet eċċezzjoni tagħha li l-azzjoni kontriha ma tiswiex għax qabel inbdiet ma saritx notifika ta' talba b'att ġudizzjarju kif igħid u jrid l-art. 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Il-qorti, wara li rat li fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021 tqanqlet il-kwistjoni jekk – partikolarment fid-dawl ta' dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza mogħtija fl-20 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet <u>Mark Formosa *v.* Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex *et*</u> (rik. kost. 8/2019) – l-applikazzjoni fil-każ preżenti tad-disposizzjonijiet tal-art. 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tkunx bi ksur tal-jedd ta' aċċess għal qorti

mħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u wara li rat l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u r-reg. 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni [L.S. 12.09], tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tibgħat il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali sabiex din tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar jekk id-disposizzjonijiet tal-art. 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn dawn ma jħallux li jinbdew proċedimenti kontra entità li jkollha kariga pubblika ħlief wara li jkunu għaddew għaxart ijiem min-notifika lil dik l-entità ta' ittra ġudizzjarja jew protest li fih il-pretensjoni jew talba tiġi mfissra b'mod ċar ixxekklux il-jedd ta' aċċess għal qorti bi ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

L-appell huwa differit *sine die* sakemm tingħata t-tweġiba mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Deċiżjoni dwar l-ispejjeż tingħata fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da